# MADRE TERESA 'il-musical'

F'egħluq l-10 sena mill-mewt ta' Madre Teresa ta' Kalkutta, l-Oratorju Don Bosco t'Għawdex qed itella' *musical* ġdid dwar din il-qaddisa ta' żmienna.

Il-*musical* li qed jittella' f'Għawdex, bil-permess ġentili tal-kompożitur Taljan Michele Paulicelli u l-awtur Piero Castellacci, ġie maqlub għall-Malti minn Dun Effie Masini u kien rekordjat għand il-*PRO Studios* ta' Għawdex. Id-direzzjoni vokali u mużikali tħalliet f'idejn il-kantanta u kompożitriċi Pamela Bezzina li tinterpreta hi wkoll il-parti ewlenija ta' Madre Teresa. Kantant ieħor ewlieni li qed jieħu sehem f'dan il-*musical* huwa Mario Caruana li jinterpreta l-parti ta' Voluntier ta' Madre Teresa.

Is-*songs* u l-lirika tagħhom huma bbażati fuq ġrajjiet ewlenin u minn l-istess kitbiet ta' Madre Teresa. Fi tliet *songs* fl-album tal-*musical*, mal-kantanti Maltin tinstema' wkoll il-vuċi oriġinali ta' l-istess Madre Teresa, li fil-fatt kienet żaret lill-Gżejjer Maltin fi tliet okkażjonijiet differenti.

Dan il-*musical* qed jittella' għall-pubbliku lokali. Bi produzzjoni ta' Gordon Grech, dan hu spettaklu ta' sagħtejn ta' mużika, kant u żfin, li fih qed jieħdu sehem kast ta' 'il fuq minn mitt persuna. *"MADRE TERESA - il musical"* intwera għall-ewwel darba nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru. *Serati* oħra ser jsiru l-Ħadd 18, is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Novembru, fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat, Għawdex. Ser isiru wkoll xi spettakli oħra għat-tfal ta' l-iskejjel.

Kopji tas-CD *"MADRE TERESA - il musical"* jistgħu jinkisbu mill-Oratorju Don Bosco t'Għawdex, jew inkella billi wieħed iċempel fuq in-numri **21556616** jew **99487751.**



Dun Effie Masini, Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco, Victoria, jidher jippreżenta kopja tas-CD bis-*songs* kollha tal-*musical* ġdid dwar Madre Teresa, lill-Mons. Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana



*Il-Kantanta magħrufa Pamela Bezzina li tinterpreta l-parti ewlenija ta' Madre Teresa*




*Il-faċċata tal-qoxra tas-CD*

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri



# Saċerdot Għawdxi maħtur Kappillan f'Ruma

**Dun Franz Refalo**, saċerdot Għawdxi minn Victoria, ġie nominat minn Mons. Isqof Mario Grech, bħala kappillan fil-Parroċċa ta' San Ligorju ġewwa Ruma, wara li temm l-inkarigu tiegħu Mons. Paul Cardona, peress li l-istess parroċċa hija fdatha lill-Istitut Saċerdotali tal-*Apostolici Sodales* (fi ħdan il-familja *Pro Sanctitatae*) u li tiegħu t-tnejn huma membri.

Dun Franz Refalo twieled fil-Belt Victoria, Għawdex fis-6 ta' Awissu 1959. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja u l-Liċeo, fir-Rabat u wara fil-Kulleġġ De La Salle f'Bormla. Wara li temm l-istudji universitarji, hu ggradwa bħala avukat fl-1984 u dam jeżerċita l-professjoni legali sa Ġunju 1989.

Wara mar fil-Belt ta' Ruma fejn beda l-istudji ekkleżjastiċi bi preparazzjoni għas-saċerdozju. Studja fl-Università Salesjana u ġie ordnat saċerdot fl-10 ta' Lulju 1993 fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof Nikol Cauchi. Kellu x-xorti li jirċievi l-formazzjoni tiegħu mingħand is-Serv t'Alla Mons Giuglielmo Giaquinta, Isqof Emeritus ta' Tivoli, u fundatur tal-Moviment *Pro Sanctitatae.* Huwa jifforma parti mill-istess Moviment.

Fl-1 ta' Novembru 1993 mar jaħdem fid-Djoċesi Suburbicaria ta' Sabina-Poggio Mirteto fejn kopra l-inkarigi ta' Viċi-Parroku u Direttur Spiritwali tas-Seminarju Minuri fl-istess Djoċesi. Għal tnax-il sena sħaħ kien kappillan fil-Parroċċa ta' San Rokku u San Isidoru ġewwa Canneto, Fara in Sabina, provinċja ta' Rieti, Italja.

F'Lulju 2005 ġie msejjaħ fid-Djoċesi ta' Għawdex mill-Isqof Nikol Cauchi. Ingħata l-inkarigu ta' Direttur Spiritwali fl-Iskola Sekondarja Agius De Soldanis. L-isqof Mario Grech innominah bħala Mħallef fit-Tribunal Ekkleċjastiku f'Ottubru 2006. Matul iż-żmien li għamel Għawdex kien joffri s-servizz tiegħu bħala konfessur fis-Santwarju ta' Pinu u jagħti l-għajnuna tiegħu fil-Parroċċa ta' San Lawrenz.



*Dun Franz Refalo*

# Quddiesa ta' Radd il-ħajr lil Alla fi tmiem il-Parrokat tal-Kanonku Ġorġ Bezzina

Nhar il-Ħamis l-ewwel tax-xahar ta' Novembru festa tal-Qaddisin kollha, Dun Gorg Bezzina Kappillan emeritus tal-Parroċċa tal-Fontana, għamel quddiesa li biha radd ħajr lil Alla tal-grazzi kollha li sawwab fuqu u fuq il-Parroċċa fdata f'idejh. Waqt li l-Knisja Parrokkjali kienet mimlija bil-parruċċani, flimkien mal-familjari u ħbieb ta' Dun Ġorġ, Kavallieri ta' l-Ordni Ekwestru tas-Santu Sepulkru kif ukoll membri tal-Moviment Kariżmatiku Betel li hu imexxi, fis-6.00 ta' filgħaxija Dun Ġorġ ta bidu għall-Konċelebrazzjoni flimkien mal-Kappillan il-ġdid Dun Lino Vella, il-Vigarju Parrokkjali Dun Ġorġ Vella u Mons Alwig Vella. Ħa sehem il- kor *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.

Wara l-Evanġelu li nqara mill-Kappillan Dun Lino Vella, Dun Ġorġ għamel omelija ta' l-okkażjoni fejn fiha, barra li ta spjega tas-sinifikat tal-festa li kienet qed tiġi ċċelebrata, dik tal-Qaddisin kollha esprima s-sentimenti tiegħu li għadda minnhom f'aktar minn sittax il-sena li għamel fit-tmexxija tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù.

Wara l-omelija Dun Ġorġ ippreżenta Kalċi, lill-Parroċċa kif ukoll tliet Pjaneti, waħda bajda li tintuża fil-festi prinċipali tal-knisja (Milied, Ħamis ix-Xirka u l-Għid fost l-oħrajn) oħra roża (tintuża fit-tielet Ħadd ta' l-Avvent u r-raba' Ħadd tar-Randan) kif ukoll Pjaneta ħamra irrakkmata (li ntużat minnu meta għamel l-ewwel Quddiesa tiegħu). Wara t-Tqarbin Dun Ġorġ intona *Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla tal-grazzi kollha li sawwab fuq il-Parroċċa.

Kien xieraq li jsir ukoll diskors ta' ringrazzjament lil Dun Ġorġ mill-vigarju Parrokkjali Dun Ġorġ Vella u wara nqraw żewġ poeżiji; waħda miktuba mill-Kan. Joe Mejlak u li ġiet stampata fuq tifkira apposta u tqassmet lil kull min kien fil-knisja, kif ukoll poeżija miktuba mis-Sinjura Margret Ballucci.

Wara l-Kappillan Dun Lino ppreżenta rigal lil Dun Ġorġ f'isem il-Parroċċa, pittura tat-Trasfigurazjoni mpittra mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.

Imbagħad omm il-Kappillan il-ġdid, Karmena, ippreżentat bukkett fjuri lil Dun Ġorġ li dan min-naħa tiegħu stieden lil Kappillan sabiex flimkien jippreżentawh lill-Qalb ta' Ġesù. Kien jixraq li okkażjoni ta' ferh bħal din tintemm billi l-kor ikanta l-antifona tal-Qalb ta' Ġesù.

Wara l-quddiesa saret ikla f'ġieħ Dun Ġorġ f'Palazzo Margerita Sannat fejn għaliha attendew numru kbir ta' nies. Kif kien jixraq waqt l-ikla ingħata rigal lil Carmen oħt Dun Ġorġ li hi l-id il-leminija tiegħu, li għal aktar minn sittax-il sena tat għajnuna kbira lil Parroċċa tal-Fontana.



*Il-Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr - Mument waqt il-Konsagrazzjoni. Fuq ix-xellug jidher il-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Fontana, Dun Lino Vella.*



*Is-Sinjura Margret Ballucci tidher taqra poeżija miktuba minnha stess għall-okkażjoni tal-quddiesa ta' Radd il-Ħajr ta' Dun Gorg Bezzina, Kappillan tal-Parrocca ta' Fontana għal aktar minn 16-il sena.*



*Il-Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa tal-Fontana, Dun Gorg Vella jidher jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni.*

17 Day European Adventure Tour 2008
organised by
The St Nicholas Festa Committee
in conjunction with **Jetglobe Travel**
**From $5,850**
conditions apply
Early bird airfare
Book and pay by **15th Dec '07**
Jetglobe TRAVEL
ABN. 54 002 969 084
Licenced Travel Agent
Lic No: 2TA 001801 Est. Oct 1981
***Departing: 20 May 2008***
*Visiting:* ***Paris, Bordeaux, Lourdes, Barcelona, Nice, Milan, Venice, Florence, Rome and then on to MALTA***
**Includes:** ** Retrun airfare and taxes to Paris then Rome to Malta and Malta back to Australia, * Accommodation in twin rooms with private facilities, * Buffet breakfast and dinner daily and much more*
***For more details contact:***
**Jim Borg (02) 9636 7767**
**Bill Schembri (02) 9896 1415** or
**Mario Borg (02) 9682 4211**

***Għinu lil din il-gazzetta billi tirriklamaw fiha. Ċemplu The Maltese Herald fuq (02) 9637 9992***